MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tad-9 ta' Settembru, 2008

Rikors Numru. 913/2006

**CARMELO CARUANA FREEPORT OPERATIONS LIMITED**

**vs**

**MEDOFFSHORE LIMITED** reġistrata l-Ingilterra, Paul Pisani u Mario Degiorgio

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fid-9 ta’ Ottubru, 2006, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrent eżekutat Mario Degiorgio (aktar ’il quddiem imsejjaħ “l-eżekutat”) talab li din il-Qorti (a) tħassar il-Mandat kawtelatorju ta’ Sekwestru maħruġ kontrih (u oħrajn) mill-intimata eżekutanti Carmelo Caruana Freeport Operations Limited (aktar ’il quddiem imsejħa l-“eżekutanti”) fl-24 ta’ Awwissu, 2006, għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(a)(b)(d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta; u (b) tikkundanna lill-istess eżekutanti tħallsu penali għall-finijiet tal-artikolu

836(8) tal-istess Kodiċi u (ċ), fin-nuqqas li tħassar il-Mandat, li tordnalha tressaq garanzija xierqa biex tagħmel tajjeb għad-danni mġarrba minnu minħabba dak il-Mandat, u, fin-nuqqas ta' l-għoti ta' din il-garanzija, li tħassar il-Mandat;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Ottubru, 2006, li bih ordnat in-notifika lill-intimata eżekutanti u appuntat ir-Rikors għas-smigħ tal-24 ta' Ottubru, 2006;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimata eżekutanti waqt is-smigħ tal-24 ta' Ottubru, 2006, li biha laqgħet għat-talbiet tal-eżekutat billi qalet li ma hemm l-ebda raġuni tajba għaliex il-Mandat għandu jitħassar, u dan kemm fuq livell ġenerali u kif ukoll għar-raġunijiet speċifiċi li jallega l-eżekutat. Iżżid tgħid li lanqas jirriżultaw l-elementi meħtieġa biex hija tkun kundannata tħallas il-penali mitluba mill-eżekutat u lanqas li tintrabat bit-tressiq tal-garanzija biex tagħmel tajjeb għad-danni u l-ispejjeż tal-Mandat li l-eżekutat jgħid li ġarrab;

Semgħet ix-xhieda ta' Michael Spiteri Bailey f'isem l-eżekutata;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti tal-Mandat kawtelatorju li għalih jirreferi r-Rikors tal-lum;

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta' Frar, 2007, li bih ħalliet il-kawża għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrenti jrid li jitneħħew l-effetti ta' Mandat kawtelatorju ta' Sekwestru maħruġ kontrih (u kif ukoll kontra oħrajn) mill-kumpannija eżekutanti fl-24 ta' Awwissu, 2006;

Illi r-raġunijiet imressqin mir-rikorrenti huma: (a) li l-imsemmi mandat kawtelatorju ma għadux iżjed fis-seħħ;

(b) li waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-Mandati m’għadhiex fil-fatt teżisti; (ċ) l-ammont mitlub fil-Mandati mhux *prima facie* mistħoqq jew huwa eċċessiv; u (d) fiċ-ċirkostanzi, m’huwiex raġonevoli li l-Mandat jibqa’ fis-seħħ;

Illi, b’żieda mat-talba għat-tħassir tal-Mandat, ir-rikorrenti qiegħed jitlob ukoll li l-eżekutanti tiġi kundannata tħallsu penali minħabba l-ħruġ tal-istess Mandat. Talab ukoll lill-Qorti biex tagħti żmien lill-eżekutanti biex tressaq garanzija tajba biex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż u d-danni minnu mġarrba, fi żmien li l-Qorti tiffissalha għal dan il-għan, u, fin-nuqqas li tagħmel dan f’dak iż-żmien, biex tordna li l-Mandat jitħassar;

Illi, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet[1]. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m’huwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-Mandat. Bħala fatt jirriżulta li dak inhar li tressaq il-Mandat u flimkien miegħu, l-eżekutanti fetħet kawża kontra l-eżekutata li qiegħda tinstema’ minn din il-Qorti[2];

Illi minn <u>dak li jirriżulta mill-atti</u> u li huwa rilevanti għad-determinazzjoni ta’ dawn il-proċedimenti, joħroġ li l-Mandat relattiv inħareġ kontra r-rikorrenti eżekutat u kif ukoll kontra l-kumpannija Medoffshore Limited (kumpannija kummerċjali reġistrata fir-Renju Unit) u kontra wieħed Paul Pisani fl-24 ta’ Awwissu, 2006, u kien notifikat lil tnax-il sekwestratarju. Il-Mandat inħareġ dwar “sorti” ta’ Lm 247,118.93[3] u b’kawżali li tgħid li dik is-somma tirrappreżenta “bilanċ minn somma akbar dovuti in konnessjoni ma’ żewġ sub-appalti liema pretensjoni ġiet dedotta permezz ta’ rikors ippreżentat kontestwalment”. L-eżekutat huwa wieħed minn żewġ diretturi (l-ieħor huwa

---

[1] Ara P.A. RCP **7.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd***
[2] Rik Nru. 794/06JRM
[3] Li jġibu € 575,632.26 fi flus tal-lum

l-eżekutat l-ieħor Paul Pisani)[4] tal-kumpannija debitriċi eżekutata Medoffshore Limited;

Illi l-Qorti issa sejra tgħaddi biex tqis l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ u dan skond il-kawżali speċifiċi tal-liġi li fuqhom ir-rikorrenti jsejjes it-talbiet tiegħu. Qabel xejn, għandu jingħad li dak li din il-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura m'għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu dwaru. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[5];

Illi r-rikorrenti jsemmi erba' kawżali li dwarhom jistenna li t-talbiet tiegħu jiġu meqjusa:

A) Il-kawżali li l-att kawtelatorju m'għadux iktar fis-seħħ [art. 836(1)(a)]. Din id-dispożizzjoni hija marbuta mal-fatt li kull Mandat kawtelatorju jrid ikun segwit minn azzjoni li titlob deċiżjoni fil-mertu dwar il-jedd pretiż imħares b'dak il-Mandat[6]. Jekk min joħroġ Mandat jonqos li jressaq l-azzjoni meħtieġa fiż-żmien mogħti mil-liġi, il-Mandat jaqa' hekk kif jgħaddi dak iż-żmien. Din hija, normalment, l-unika waħda mis-sitt raġunijiet maħsubin fl-artikolu 836(1) fejn il-Qorti tista' tilqa' t-talba għat-tħassir tal-Mandat mingħajr ma tagħti smigħ, għaliex kulma jkun irid isir hu li l-Qorti tara jekk tkunx tressqet il-kawża jew le[7];

Illi f'dan il-każ ir-rikorrent qiegħed jgħid li l-Mandat in kwestjoni waqa' għaliex l-azzjoni waħdanija li ressqet l-intimata eżekutanti kienet azzjoni li ma taqax taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin[8], u, allura, azzjoni li ma tiswiex u qisha ma saritx. Għalhekk, billi l-intimata ma fetħet l-ebda kawża oħra, il-Mandat kawtelatorju msemmi,

[4] Ara Dok "CC2", f'paġġ. 34 – 5 tal-atti
[5] Kumm GMA **23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et vs Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)
[6] Ara art. 843(1), 846(1), 849 u 876A tal-Kap 12
[7] Art. 836(2) tal-Kap 12
[8] Il-bażi kollha ta' din l-eċċezzjoni hija l-eżistenza ta' klawsola arbitrali fil-kuntratt ewlieni li dwaru ngħataw iż-żewġ kuntratti ta' sub-appalt lill-kumpannija eżekutata Medoffshore Limited

in kwantu maħruġ kontrih personalment, waqa' billi għadda ż-żmien;

Illi l-Qorti ma tistax tilqa' dan l-argument tar-rikorrent. Huwa fatt li l-kawża nfetħet u li dak li ntalab fiha huwa sewwasew dak li dwaru nħareġ il-Mandat. Il-kwestjoni dwar jekk il-Qrati Maltin għandhomx is-setgħa li jisimgħu l-kawża (kwestjoni mqanqla saħansitra fl-ewwel eċċezzjoni tal-eżekutati kollha fl-atti tar-Rikors Maħluf) tagħmel mill-mertu tal-kawża (ukoll jekk ikun mertu preliminari u perentorju tal-ġudizzju) u mhux mill-istħarriġ li din il-Qorti trid tagħmel biex tara jekk għandhiex tilqa' talba għat-tħassir ta' Mandat;

Illi l-kawża li ressqet l-intimata eżekutanti saret dak inhar li ressqet magħha l-imsemmi Mandat, u għalhekk ma jista' jingħad bl-ebda mod li l-intimata naqset li tiftaħ kawża fiż-żmien. Billi l-istess kawża għadha miexja, lanqas ma jista' jingħad li l-għan u l-ħtieġa li l-Mandat jinżamm fis-seħħ intemmet;

Illi, għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li r-rikorrent ma seħħlux juri li t-talba tiegħu taħt din il-kawżali hija waħda li hija tista' tilqa';

B) <u>Il-kawżali li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-Mandat m'għadhiex teżisti</u> [Art. 836(1)(b)]. Din id-dispożizzjoni, skond il-kliem użat fiha, ġiet imfissra bħala riferenza għal xi waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju li kienet teżisti fil-waqt tal-ħruġ tal-istess att iżda li, wara l-ħruġ tal-istess Mandat, ma baqgħetx teżisti iżjed[9]. Għalhekk, jekk wieħed irid jimxi ma' tali tifsira, wieħed irid juri li l-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat trid tkun naqset wara li nħareġ l-att;

Illi l-ħtiġiet li l-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista' toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-mandat; (b) li (flimkien mal-att jew fi żmien preskritt wara) ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt, (ċ)

[9] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Dr. Tonio Fenech noe et vs Dr. Patrick Spiteri noe et noe***

li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbilta' tal-persuna li tkun talbitu;

Illi minn dak li għandha quddiemha l-Qorti f'dawn l-atti, jidher li r-rikorrent qiegħed jibni din it-talba fuq l-allegazzjoni li, minbarra l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin, hemm dik li huwa m'huwiex il-kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet tal-intimata eżekutanti, peress li huwa ma kellu u lanqas għandu l-ebda relazzjoni ġuridika magħha. Fi proċedura bħal din, argument bħal dan ma jistax jintuża biex iwaqqa' l-effetti ta' Mandat, billi l-kwestjoni dwar jekk hux minnu li hemm jew m'hemmx relazzjoni ġuridika bejn il-parti attriċi u l-parti mħarrka (sakemm dan il-fatt ma jkunx jidher mill-ewwel mad-daqqa t'għajn), hija kwestjoni li għandha tkun mistħarrġa mill-Qorti li tkun qiegħda tiddeċiedi l-kawża, mqar jekk dan tagħmlu b'sentenza preliminari fuq eċċezzjoni bħal dik[10];

Illi, għalhekk, il-Qorti ssib li r-rikorrent ma seħħlux lanqas hawn juriha raġuni tajba għaliex il-Mandat għandu jitħassar taħt din il-kawżali;

Ċ) <u>L-ammont mitlub m'huwiex *prima facie* ġustifikat jew hu eċċessiv</u> [Art. 836(1)(d)]. Dwar din il-kawżali l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimat eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma oħra ta' dritt jissejjaħ il-"*fumus juris*" tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-

[10] P.A. GC **26.4.2002** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Avukat Carmelo Castelli noe vs Focal Maritime Services Ltd. et***

milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti[11];

Illi hija l-fehma tal-Qorti li biex ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed "eċċessiv", irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux iżewġu ma' xulxin. Il-fatt li ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju ikun jidher li huwa xi ftit ogħla minn dak li, mad-daqqa t'għajn, jidher xieraq, ma jwassalx tabilfors għat-tħassir tal-Mandat li jkun iżda, l-iżjed, għat-tnaqqis tal-ammont sekwestrat[12]. Minħabba li l-artikolu 836(1) jirreferi għat-tħassir "għal kollox jew f'parti minnu" tal-Mandat, tali tnaqqis jista' jkun ukoll wieħed mir-rimedji li l-Qorti tista' tagħti lill-parti eżekutata fi proċedura bħal din;

Illi f'dan il-każ l-intimata eżekutanti fissret sewwa u b'mod raġonevoli kif waslet għas-somma tal-pretensjonjiet tagħha. Din il-pretensjoni tirriżulta minn korrispondenza li għaddiet qabel ma nħareġ il-Mandat[13] u kif ukoll minn interpellazzjonijiet uffiċjali f'atti ġudizzjarji[14]. Dwar dak l-eżerċizzju, din il-Qorti ma ssib xejn xi tmaqdar, u żgur m'hijiex se' tidħol fir-reqqa tal-ġustifikazzjoni ta' dawk l-ammonti f'dan l-istadju tal-proċedura, l-iżjed meta jidher li l-kwestjoni kollha ma kinitx dwar jekk is-somma pretiża mill-eżekutanti kinitx waħda sewwa daqskemm kienet dwar min kellu jħallasha;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti jidhrilha li r-rikorrent ma weriex għaliex il-Mandat għandu jitħassar taħt din il-kawżali;

D) Jintwera li fiċ-ċirkostanzi m'huwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli [Art. 836(1)(f)]. Jidher li din il-kawżali li fuqha r-rikorrent eżekutat isejjes it-talba tiegħu għat-tħassir tal-Mandat

---

[11] Ara P.A. RCP **29.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Merċieca vs George Galea***
[12] Ara, per eżempju, PA GV **6.12.1999** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Salvino Farruġia noe vs Exalco Holdings Ltd.***
[13] Ara d-Dok f'paġ. 29 tal-atti
[14] Ara d-Dok f'paġ. 26 tal-atti

tirreferi wkoll għall-kwestjoni tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti li tisma' l-kawża fil-mertu;

Illi, kif ingħad, ir-rikorrent eżekutat iqis li l-imsemmi Mandat għandu jitwaqqa' għaliex jgħid li l-Qrati ta' Malta m'għandhomx ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-kawżali li fuqha jinbena l-Mandat, dan b'riferenża għall-klawsola arbitrali. Minħabba f'hekk, jgħid li l-Mandat għandu jitħassar għaliex m'huwiex raġonevoli li jibqa' fis-seħħ [Art. 836(1)(f)]. Dwar din il-kawżali, r-rikorrent *nomine* jtenni li huwa manifestament irraġonevoli li l-Mandat jitħalla fis-seħħ meta fl-ewwel lok il-Qrati Maltin m'għandhomx ġurisdizzjoni jisimgħu l-kawża li b'ħarsien tal-pretensjonijiet tagħha nħareġ dan il-Mandat;

Illi l-intimata eżekutanti tgħid li r-raġuni msemmija mir-rikorrent ma tistax twassal għat-tħassir tal-mandat, u lanqas tista' l-Qorti tqis dik ir-raġuni bla ma tkun qiegħda tidħol sewwasew fil-mertu tal-kwestjoni. Il-Qorti tqis li l-intimata għandha raġun f'dan ir-rigward. F'dan il-kuntest biżżejjed jingħad li jekk, 'il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwestjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-kwestjoni ma kinitx ta' idejn il-Qrati Maltin, xorta waħda ma jistax jingħad li l-Mandat ma kienx ġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ[15]. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet tal-intimat eżekutat;

Illi wkoll fuq dan il-mottiv, il-Qorti ssib li r-rikorrent ma tahiex raġuni tajba biex tħassar il-Mandat in kwestjoni;
Illi r-rikorrenti eżekutat talab ukoll żewġ rimedji alternativi għat-tħassir, jew tħassir in parti, tal-Mandat ta' Sekwestru taħt eżami. Talab l-ewwelnett il-kundanna tal-intimata eżekutanti għall-ħlas ta' penali[16]; u talab ukoll it-tqegħid min-naħa tal-intimata eżekutanti ta' garanzija xierqa biex

---

[15] Ara, per eżempju, PA JSP **10.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Camilleri*** u P.A. RCP **30.5.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lilian Calleja Cremona***
[16] Taħt l-art. 836(8) tal-Kap 12

tagħmel tajjeb għad-danni li l-istess rikorrenti jista' juri li sejjer iġarrab minħabba l-Mandat[17]. Il-Qorti sejra issa tipprovdi dwar dawn it-talbiet;

Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[18]. F'dan il-każ, ir-rikorrent ma jsemmi speċifikatament l-ebda waħda mill-erba' kawżali maħsuba, ħlief li jgħid li "jirriżultaw l-estremi indikati fis-subartikolu ċitat";

Illi m'huwiex xogħol il-Qorti li tipprova tgħarbel hi liema miċ-ċirkostanzi msemmija mil-liġi r-rikorrent kellu tassew f'moħħu biex jippretendi li l-eżekutata tkun kundannata tħallas il-penali. Il-Qorti tqis li diġa' ntwera li bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jista' jingħad li l-Mandat inħareġ bi ksuħat jew mingħajr ma kien hemm għalfejn. Dan iġib l-effett li ma jistax jingħad li l-Mandat inħareġ b'ħażen, jew għal raġuni fiergħa jew inkella bil-ħsieb biss li jdejjaq lir-rikorrent. Minbarra dan, il-Mandat inħareġ wara li l-istess intimata eżekutanti kienet uriet bla tlaqliq u bil-mezz ta' att ġudizzjarju li hija kienet qiegħda tippretendi ħlas;

Illi l-Qorti, f'dan l-istadju u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet diġa' magħmula iżjed 'il fuq ma jirriżultawlhiex iċ-ċirkostanzi għall-impożizzjoni tal-penali minħabba l-ħruġ tal-Mandat[19]. F'dan il-każ, il-Qorti sejra timxi wkoll fuq il-massima li l-bona fede hija preżunta u li l-ħażen irid jiġi ippruvat[20];

---

[17] Taħt l-art. 838A tal-Kap 12

[18] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.***

[19] P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut***

[20] Ara, per eżempju, App. Ċiv **7.7.1920** fil-kawża fl-ismijiet ***Miller Blacker pro et noe vs Howard*** (Kollez. Vol: **XXIV.i.554**)

Illi, għalhekk, fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha li joħorġu mill-atti, u wara li l-Qorti ħasbet sewwa u fit-tul fuq il-kwestjoni, ma jidhirx li huwa l-każ fejn l-intimata eżekutanti għandha tkun kundannata tħallas penali. Dan, naturalment, jingħad dejjem bla ħsara għal kull jedd talvolta spettanti lill-istess rikorrent li 'l quddiem u fis-sedi opportuna jressaq pretensjonijiet kif imiss (kif sewwasew jirriżerva li jagħmel fir-rikors tiegħu) jekk, wara l-kawża fil-mertu, jirriżultaw fatti li din il-Qorti f'dan l-istadju ma tafx bihom jew li dwarhom hija tasal f'fehmiet preċiżi għar-rigward;

Illi dwar il-kwestjoni tal-għoti tal-garanzija mill-intimata eżekutanti. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti naqas li jressaq xi sottomissjoni partikolari, jew li jsemmi raġuni għaliex il-Qorti għandha tilqa' din it-talba tagħha;

Illi l-liġi trid ukoll li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu[21]. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni;

Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-intimat eżekutant jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju[22], u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni. Minbarra dan, jidher li fejn persuna ntwera li kellha raġunijiet tajba biex toħroġ Mandat kawtelatorju u l-istess Mandat la kien eċċessiv, la fieragħ u lanqas vessatorju, għaldaqstant ma jitnisslux raġunijiet la għall-kundanna għall-ħlas ta' penali u lanqas għad-danni[23] minħabba l-istess Mandat;

Illi għalhekk ma jirriżultawx il-kundizzjonijiet li bihom din il-Qorti tista' tilqa' t-talba tar-rikorrenti taħt l-artikolu 838A tal-Kap 12;

---

[21] Ara P.A. TM **4.10.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty***
[22] Ara P.A. GC **2.3.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Avukat Vincent Falzon noe vs Alex Sullivan***
[23] Ara P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tipprovdi dwar ir-Rikors tar-rikorrenti Mario Degiorgio billi:

**Tiċħad it-talbiet tiegħu** bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

Mogħti kameralment illum, id-9 ta' Settembru, 2008.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------